

Brussell, 21 ta' Novembru 2024
(OR. en)

16021/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0300(NLE)

FISC 235
ECOFIN 1366

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Novembru 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 542 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2009/1008/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex testendi l-applikazzjoni ta' miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2024) 542 final.

Mehmuż: COM(2024) 542 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.11.2024
COM(2024) 542 final

2024/0300 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2009/1008/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex testendi l-applikazzjoni ta' miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ("id-Direttiva tal-VAT"¹), il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jipprevjeni ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittra mibgħuta fid-29 ta' April 2024 u rreġistrata mal-Kummissjoni fit-2 ta' Mejju 2024, ir-Repubblika tal-Latvja (minn hawn 'il quddiem il-Latvja) talbet l-awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT, li jiddetermina l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT. Bl-istess ittra, il-Latvja bagħtet rapport dwar l-applikazzjoni ta' dik il-miżura.

Permezz ta' ittra mibgħuta fl-4 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali, li għaliha l-Latvja wiegħbet permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-12 ta' Awwissu 2024.

F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tal-Latvja bl-ittri tat-3 ta' Settembru 2024, u lil Italja fl-4 ta' Settembru 2024. B'ittra ddatata l-5 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Latvja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tikkunsidra t-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Bħala regola ġenerali, l-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT jistipula li normalment, hija l-persuna taxxabbli li ttipprovdi l-merkanzija jew is-servizzi li tkun responsabbli għall-ħlas tal-VAT.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri jistgħu japplikaw miżuri ta' deroga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT biex tiġi ssimplifikata l-proċedura għall-ġbir tal-VAT jew biex jiġu prevenuti ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa jekk ikunu ġew awtorizzati mill-Kunsill.

Fid-29 ta' April 2024, il-Latvja talbet biex tkompli tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge għat-tranżazzjonijiet tal-injam ippreparat li jinvolvi li l-persuna li tirċievi l-merkanzija jew is-servizzi tkun responsabbli għall-ħlas tal-VAT.

Il-miżura ta' deroga għal-Latvja kienet inizzjalment mogħtija bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/42/KE² sal-31 ta' Diċembru 2009 u bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2009/1008/UE³ sal-31 ta' Diċembru 2012. L-awtorizzazzjoni biex tiġi applikata d-deroga ġiet sussegwentement estiża bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/55/UE⁴ sal-31 ta' Diċembru 2015, bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2396⁵ sal-31 ta'

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

² ĠU L 25, 28.1.2006, p. 31.

³ ĠU L 347, 24.12.2009, p.30.

⁴ ĠU L 22, 25.1.2013, p.16.

⁵ ĠU L 332, 18.12.2015, p.142.

Diċembru 2018, bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2006⁶ sal-31 ta' Diċembru 2021 u bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/81⁷ sal-31 ta' Diċembru 2024.

Skont il-Latvja, is-suq tal-injam ippreparat, li huwa wieħed mill-aktar setturi importanti tal-ekonomija tagħha, huwa partikolarment sensittiv għall-frodi tal-VAT għax huwa ddominat minn għadd kbir ta' operaturi lokali żgħar u minn fornituri individwali, kif ukoll għax huwa diffiċli ħafna li jiġu ttraċċati l-movimenti tal-materjali u t-tranżazzjonijiet relatati. In-negozji attivi fis-settur jistgħu ma jkunux mistennija jissodisfaw l-obbligi ta' reġistrazzjoni u dan jista' jwassal għal tranżazzjonijiet mhux iddikjarati tal-injam ippreparat. Għalhekk, hemm riskju sinifikanti li xi operaturi jistgħu jevadu l-ħlas tal-VAT. In-natura tas-suq u tan-negozji involuti ġenerat frodi tal-VAT li l-awtoritajiet tat-taxxa Latvjani sabuha diffiċli biex jikkontrollaw. Sabiex jiġi għidli dan l-abbuż, huma introduċew il-mekkaniżmu tar-reverse charge għat-tranżazzjonijiet tal-injam ippreparat, li wera li huwa effettiv ferm u naqqas b'mod sinifikanti l-frodi tal-VAT f'dan is-settur.

Barra minn hekk, skont il-Latvja, din il-miżura speċjali ma għandhiex impatt negattiv fuq l-ammont totali tad-dħul mill-VAT miġbur fl-istadju finali tal-konsum u għalhekk, ma taffettwax b'mod negattiv ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li ġejjin mill-VAT.

B'mod ġenerali, id-derogi jingħataw għal perjodu ta' żmien limitat biex ikun jista' jiġi vvalutat jekk il-miżura speċjali hijiex xierqa u effettiva, u biex l-Istati Membri jingħataw iż-żmien li jintroduċu miżuri konvenzjonali oħra fil-livell nazzjonali biex jiġi mmonitorjat il-moviment tal-materjali, il-ħlas tal-VAT, u l-konformità ta' persuni taxxabbli, li għandhom jindirizzaw il-problema rispettiva sal-iskadenza tal-miżura ta' deroga, u b'hekk l-estensjoni tad-deroga ssir superfluwa. Id-deroga li tippermetti l-użu tal-mekkaniżmu tar-reverse charge tingħata biss eċċezzjonalment għal oqsma frodulent speċifiċi u tikkostitwixxi mezz tal-aħħar għażla.

Il-Latvja talbet l-estensjoni tal-miżura sal-31 ta' Diċembru 2027. Il-Latvja hija impenjata li tapplika miżuri differenti biex tindirizza l-frodi tal-VAT fis-settur. Huwa ppjanat li jiġi impost obbligu ta' pagamenti mhux bi flus kontanti, u għodda speċifika ta' traċċar li se tgħin biex jiġu kkontrollati t-tranżazzjonijiet u l-proċessi ta' produzzjoni b'mod aktar effiċjenti, fl-aħħar nett, l-awtoritajiet nazzjonali qed jippjanaw li sal-2026 jintroduċu rekwiżit ta' fatturazzjoni elettronika għat-tranżazzjonijiet B2B għall-kumpaniji rreġistrati fir-Repubblika tal-Latvja. Għaldaqstant, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni legali u fattwali li ma nbidlitx, qed jiġi propost li tiġi estiża l-miżura ta' deroga, li tippermetti lil-Latvja tkompli tapplika din il-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2026. Sal-iskadenza ta' din id-deroga, il-Latvja għandha tkun f'pożizzjoni li timplimenta miżuri konvenzjonali oħra fil-livell nazzjonali biex jiġi mmonitorjat il-moviment tal-materjali, il-ħlas tal-VAT, u l-konformità ta' persuni taxxabbli li tinfed il-ġlieda u tipprevjeni l-frodi tal-VAT fis-settur tal-injam ippreparat.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Ingħataw derogi simili li għandhom x'jaqsmu mal-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT lil Stati Membri oħra, lill-Portugall⁸, lir-Rumanija⁹ u lil-Litwanja¹⁰.

⁶ ĠU L 322, 18.12.2018, p. 20–21.

⁷ ĠU L 13, 20.1.2022, p. 49–50.

Għalhekk, il-miżura proposta hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva tal-VAT.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija msejsa l-proposta, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru wara talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Meta wieħed iqis il-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan li jrid jintlaħaq.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, tista' tingħata deroga mid-dispożizzjonijiet komuni tal-VAT biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. L-iktar strument adattat huwa Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill peress li din tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija msejsa fuq talba li għamlet il-Latvja u tirrigwarda biss lil dan l-Istat Membru.

⁸ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1592 tal-24 ta' Settembru 2019 li tawtorizza lill-Portugal biex japplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 248, 27.9.2019, p. 67–68.

⁹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1593 tal-24 ta' Settembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/676/UE li tawtorizza lir-Rumanija biex tkompli tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 248, 27.9.2019, p. 69–70).

¹⁰ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1920 tal-4 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2010/99/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja biex testendi l-applikazzjoni ta' miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 311, 7.12.2018, p. 34–35).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tawtorizza lil-Latvja biex tkompli tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge għat-tranżazzjonijiet tal-injam ippreparat. Is-sitwazzjoni li fuqha kienet imsejsa d-deroga inizjali, għadha teżisti. Il-Latvja tiddikjara li minkejja l-fatt li kien hemm tnaqqis fl-għadd ta' każijiet ta' frodi li jinvolve l-VAT u l-evazzjoni tal-VAT fis-suq tal-injam ippreparat minn mindu ddaħħlet il-proċedura tar-reverse charge, ir-riskju għadu ma ġiex eliminat.

Il-miżura kienet awtorizzata qabel fl-Att tal-Adeżjoni tal-2003¹¹, b'mod partikolari fil-Kapitolu 7, il-punt 1(b) tal-Anness VIII tiegħu, u bid-Deċiżjoni 2006/42/KE¹² skont is-Sitt Direttiva 77/388/KEE li kienet tapplika dak iż-żmien. Madankollu, maż-żmien, il-frodi fis-settur tal-injam ippreparat bdiet tinkludi tranżazzjonijiet li ma kinux soġġetti għall-proċedura tar-reverse charge tal-VAT. Pereżempju, tranżazzjonijiet relatati ma' prodotti sekondarji tal-injam. Għaldaqstant, il-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura tar-reverse charge tal-VAT kompli jittwessa' biex jittnaqqas l-għadd ta' opportunitajiet għall-frodi. Barra minn hekk, mill-1 ta' Jannar 2020, ir-riċevitur tal-injam ippreparat irid iħallas għall-merkanzija li jirċievi, u r-riċevitur tas-servizzi jrid iħallas għas-servizzi li jingħata, mhux bi flus kontanti. Dawn il-modifiki saru biex jiġu standardizzati r-rekwiżiti ta' ħlaq fil-każijiet kollha fejn tiġi applikata l-proċedura tar-reverse charge, sabiex tissaħħa l-effettività tal-miżura mmirata kontra l-frodi tal-VAT.

Il-Latvja ssostni li l-estensjoni tal-miżura ta' deroga hija meħtieġa għall-għieda kontra l-frodi li jseħħ fis-settur tal-injam ippreparat.

Is-settur tal-forestrija huwa wieħed mill-pedamenti tal-ekonomija tal-Latvja. Fl-2022, il-fatturat nett iddikjarat tal-kummerċjanti li joperaw fis-settur tal-injam ippreparat kien jirrappreżenta 7,4 % tal-fatturat nett totali ddikjarat fil-kontijiet annwali, jiġifieri EUR 6,3 biljun. Il-valur tal-esportazzjoni tas-settur tal-forestrija fl-2023 kien ta' madwar EUR 2,3 biljun, jew 12,4 % tal-esportazzjonijiet totali tal-pajjiż, filwaqt li l-għadd ta' persuni impjegati fis-settur fl-2022 kien ta' 41 400, jew 4,8 % tal-għadd totali ta' impjegati fl-ekonomija nazzjonali.

Is-suq tal-injam ippreparat fil-Latvja huwa ddominat minn kummerċjanti żgħar u ta' daqs medju u l-fornituri individwali (li jirrappreżentaw 'il fuq minn 90 % tal-għadd totali ta' intrapriżi fis-settur), li jixtru jew ibigħu l-injam ippreparat u jipprovdu jew jirċievu servizzi relatati.

L-għadd ta' persuni taxxabbli fis-settur tal-injam ippreparat kien ta' 11 713 fil-bidu tal-2024. Skont il-Latvja, fl-2023, 13 063 persuna fiżika oħra kienet qed tinnegozja fis-settur tal-injam ippreparat bi dħul totali ta' EUR 219 miljun.

L-estensjoni ta' din il-miżura mhux se jkollha impatt negattiv fuq l-ammont totali tad-dħul mill-VAT miġbur fl-istadju finali tal-konsum u għalhekk, ma taffettwax b'mod negattiv ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li ġejjin mill-VAT.

¹¹ ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33.

¹² ĠU L 25, 28.1.2006, p. 31.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

Il-proposta hija limitata biż-żmien.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2009/1008/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex testendi l-applikazzjoni ta' miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/42/KE² awtorizzat lil-Latvja biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-punt (a) tal-Artikolu 21(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE³, biex tinnomina lir-riċevitur bħala l-persuna responsabbli li tħallas it-taxxa fuq il-valur miżjud (il-VAT) fuq il-provvista tal-injam ippreparat jew fuq il-forniment tas-servizzi relatati sal-31 ta' Diċembru 2009. Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2009/1008/UE⁴, b'deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Latvja kienet awtorizzata li tkompli tinnomina lir-riċevitur tal-injam ippreparat jew tas-servizzi relatati bħala l-persuna responsabbli biex tħallas il-VAT fil-każ ta' tranżazzjonijiet tal-injam ippreparat sal-31 ta' Diċembru 2012 ("il-miżura speċjali"). Wara l-aħħar emenda tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2009/1008/UE, dik l-awtorizzazzjoni se tiskadi fl-31 ta' Diċembru 2024.
- (2) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-2 ta' Mejju 2024, il-Latvja talbet l-awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika l-miżura speċjali. Flimkien ma' dik l-ittra, il-Latvja ppreżentat rapport dwar l-applikazzjoni ta' dik il-miżura speċjali.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 395(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra b'ittra ddatata t-3 ta' Settembru

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj>.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/42/KE tal-24 ta' Jannar 2006 li tawtorizza lil-Latvja biex testendi l-applikazzjoni ta' miżura li tidderoga minn Artikolu 21 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq il-fatturat (ĠU L 25, 28.1.2006, p. 31, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2006/42\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2006/42(1)/oj)).

³ Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1977/388/oj>).

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2009/1008/UE tas-7 ta' Diċembru 2009 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex testendi l-applikazzjoni ta' miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 24.12.2009, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2009/1008/oj).

2024, u lill-Italja fl-4 ta' Settembru 2024, dwar it-talba li għamlet il-Latvja. B'ittra ddatata l-5 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Latvja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tikkunsidra t-talba.

- (4) Skont il-Latvja, is-suq tal-injam ippreparat, li huwa wieħed mill-aktar setturi importanti tal-ekonomija tagħha, huwa partikolarment sensittiv għall-frodi tal-VAT għaliex huwa ddominat minn għadd kbir ta' operaturi lokali żgħar u fornituri individwali. In-natura tas-suq u tan-negozji involuti ġġenerat frodi tal-VAT, li l-awtoritajiet tat-taxxa Latvjanu sabuha diffiċli biex jikkontrollaw. Sabiex jiġi miġġieled dan l-abbuż, l-awtoritajiet tat-taxxa Latvjanu introduċew il-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-ħlas tal-VAT fit-tranżazzjonijiet tal-injam ippreparat, li wera li huwa effettiv ħafna u naqqas il-frodi f'dak is-suq b'mod sinifikanti skont ir-rapport ippreżentat mil-Latvja.
- (5) B'mod ġenerali, id-derogi jingħataw għal perjodu ta' żmien limitat biex ikun jista' jiġi vvalutat jekk il-miżura speċjali hijiex xierqa u effettiva. Id-derogi jagħtu żmien lill-Istati Membri biex jintroduċu miżuri konvenzjonali oħra fil-livell nazzjonali biex jiġi mmonitorjat il-moviment tal-materjali, il-ħlas tal-VAT, u l-konformità tal-persuni taxxabbli, li jenħtieġ li jindirizzaw il-problema rispettiva sal-iskadenza tal-miżura ta' deroga, u b'hekk l-estensjoni tad-deroga ssir superfluwa. Id-deroga li tippermetti l-użu tal-mekkaniżmu tar-reverse charge tingħata biss eċċezzjonalment għal oqsma frodulenti speċifiċi u tikkostitwixxi mezz tal-aħħar għażla.
- (6) Il-Latvja hija impenjata li tapplika miżuri differenti biex tindirizza l-frodi tal-VAT fis-settur. Hija biħsiebha timponi obbligu ta' pagamenti mhux bi flus kontanti, u għodda speċifika ta' traċċar li se tgħin biex jiġu kkontrollati t-tranżazzjonijiet u l-proċessi ta' produzzjoni b'mod aktar effiċjenti. Barra minn hekk, sal-2026, l-awtoritajiet nazzjonali qed jippjanaw li jintroduċu rekwiżit ta' fatturazzjoni elettronika għal tranżazzjonijiet B2B għal kumpaniji rreġistrati fil-Latvja.
- (7) Għalhekk, il-Latvja għandha tkun f'pożizzjoni li timplimenta miżuri konvenzjonali oħra biex tiġġieled u tipprevjeni l-frodi tal-VAT fis-suq tal-injam ippreparat qabel l-iskadenza tal-estensjoni tal-miżura speċjali skont din id-Deċiżjoni, biex ma jkunx hemm il-ħtieġa li l-miżura speċjali terġa' tiġi estiża.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li l-Latvja tkun awtorizzata tapplika l-miżura speċjali sal-31 ta' Diċembru 2026 biss.
- (9) Il-miżura speċjali mhi se jkollha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT.
- (10) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2009/1008/UE tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2009/1008/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2026.”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Latvja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*